MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 880/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**( C – 2833)**

**vs**

**Hamdy u Angela mizzewgin Madkour**
**(karta ta’ l-identita` numru 271205 (L) u 274063 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat l-4 ta’ Settembru, 2012, li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati u li llum tinsab kreditrici taghhom fl-ammont ta’ tlieta u disghin elf, sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu, (€93,672.29), *oltre*

imghax ulterjuri mis-17 t'Awwissu, 2012, sad-data tal-pagament effettiv;

2. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti li permezz taghhom ikkoncediet il-facilitajiet fuq riferiti;

3. Illi l-intimati, *nonostante* li gew interpellati skont il-ligi biex ihallsu d-dejn involut, baqghu inadempjenti;

4. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet lil din il-qorti u talbitha:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fil-kuntratti fuq riferiti kif indikat fir-rikors guramentat promotur;

ii. Tikkundanna lill-intimati biex flimkien u *in solidum* ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont fuq gia` ndikat, bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-intimati mas-socjeta` rikorrenti;

iii. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet skont il-ligi mis-17 ta' Awwissu, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota tal-intimati datata t-22 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha ammettew it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u dan, anke bl-attestazzjoni tal-firma taghhom stess fuq l-imsemmija nota;

Ghadaqstant, in vista tal-imsemmija ammissjoni, din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li effettivament sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fil-kuntratti ndikati fir-rikors guramentat promotur;

2. Tiddikjara li l-intimati Hamdy u Angela mizzewgin Madkour huma debituri tas-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta’ tlieta u disghin elf, sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu, (€93,672.29), bilanc mid-debitu fil-“*Loan Accounts*” tal-intimati mas-socjeta` rikorrenti kif indikat minnha fl-istess rikors promotur;

3. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu s-somma likwidata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti *de quo*;

4. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur, inkluz ta’ l-ittra ufficcjali tal-14 ta’ Novembru, 2007, u ta’ Gunju, 2010, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-17 t’Awwissu, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------